*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 54**

**Il-Ħamis 12 ta' Jannar 2017**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud- Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier
John B Camilleri – Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

Il-Viċi Sindku Desiree` Attard ippresediet bil-laqgħa

**Qari tal-ittri ta' apoloġiji.**

**54.1.1** Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

**54.2.1** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 6 artiklu 53.7.1 fejn minflok **'Boar Dr'** għandha tinbidel u issir '**Boat Dr'**.

**54.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 6 artiklu 53.5.3 fejn fl-ewwel sentenza il-kelma '**kuntratt'** għandha tinbidel u issir '**kuntrattur'**.

*Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.*

Il-minuti ġew emendati u unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

**54.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 3 artiklu 53.3.1 jekk kienx hemm xi dati tentattivi sabiex issir laqgħa mal-OPM.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-OPM indikawlna 2 dati tentattivi li huma it-Tnejn 23 ta' Jannar 2017 u l-Ħamis 26 ta' Jannar 2017 mhux aktar tard mill-5:00pm, kompla jgħid illi importanti illi jattendu xi Kunsilliera għal din il-laqgħa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi mhux ser jittieħdu deċizjonijiet f'din il-laqgħa izda ser issir diskussjoni u jixtieq ikun jaf x'hemm proponut.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi wara li evalwaw il-proposti kollha l-unika post fejn sabu li hu l-aktar addatat għal car park huwa Ġnien Sant Anna.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ser issir din il-laqgħa sabiex niddiskutu mag]hom dwar il-possibilitajiet li l-parke[[ propost isir fi [nien Sant Anna.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill fejn iddiskutew dan is-suġġett kinitx ittieħdet xi deċizjoni.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ma kienet ittieħdet l-ebda deċizzjoni għaliex ma kellna l-ebda dettalji u għalhekk ser issir din il-laqgħa ma rapprezentanti tal-OPM u Projects Malta.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jittama li fil-laqgħa li ser issir ma tittieħidx deċizjoni izda tkun biss wa]da ta' konsultazzjoni.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal laqgħa fis-18:07***

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-laqgħa issir fit-23 ta' Jannar 2017.

**54.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq paġna 5 l-ewwel sentenza u staqsa jekk kellniex risposta mit-TCTC.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi is-Sur Vince Tonna ġab laptop tiegħu pero mhux tajjeb bizzejjed pero ser nirranġaw laptop tal-Kunsill billi ngħamlulu software b'xejn u ninstallaw hard drive ġdida u jkun jista jutilizza lilu.

**54.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 6 artiklu 53.8 jekk dan il-passaġġ huwiex art pubblika jew le.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi intbgħatet ittra izda għadna ma rċivejna l-ebda risposta.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nibgħatu reminder ta' din l-ittra.

**54.2.5** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi xtaq jirringrazzja f'ismu u f'isem il-familja tiegħu lill-membri tal-Kunsill illi attendew għal-funeral ta' missieru.

**54.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 6 artiklu 53.5.3 qal illi fil-kuntratt li l-Kunsill flimkien mal-kumitat konġunt għandu man-Nexos il-bozoz LED mhumiex imnizzla fil-kuntratt.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illu l-Kunsill talab sabiex isiru LED minflok SON.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kwotazzjoni aġġornata ġiet tiswa €18,500 mhux kif stimat fil-budget.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi f'din il-kwotazzjoni hemm inkluz underground cable u issuġerixxa li dan il-cable flok jagħmlu l-Kunsill jagħmluh l-Enemalta.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa x'inhi id-differenza fil-prezz bejn bozzoz LED's u bozoz SON.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi d-differenza hija dik ta' €100 fuq kull Luminaire.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu jħoss li għandna nħallu l-bozoz SON la darba dawn huma mnizzla fil-kuntratt għaliex ma tistax tuza bozza oħra li mhux indikata fit-tender, f'dak il-kaz ikun irid joħroġ tender ġdid għal dan il-proġett.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal laqgħa fis-18:15***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal kieku dawn ser isiru f'post abitabli fiha u ma fihijiex imma dawn ser isiru f'area fejn hemm l-għelieqi u ma jħossx li għandna nagħmluhom LED iktar u aktar fejn id-dawl ser jiġi mħallas min naħa tal-Enemalta u mhux min naħa tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fiz-zmien li kien sar it-tender tad-dwal LED's kienu għadhom għoljin ħafna pero biz-zmien dawn nizlu fil-prezz u illum jaqbillek tagħmel bozza LED milli SON anke minħabba l-fatt li fiha inqas manutenzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi nistgħu ninfurmaw lil-Kumitat konġunt rigward dan forsi issir xi annex mat-tender ezistenti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dan kien ser iservi bħala proġett pilota u l-Kunsill għandu jieħu deċizzjoni illi kull lanterna li issir fil-lokal għandha tkun LED.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jekk l-Kumitat konġunt jaqbel li issir din l-annex mal-Kuntratt m'għandux ikun hemm problema biex isiru LEDs.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**54.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spieri staqsa fuq paġna 53.2.5 kif bqajna fuq il-kwistjoni tal-imwejjed u siġġijiet tal-ħanut Corner View.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill kellu jmexxi l-ġurnata tal-appell l-ewwel darba minħabba l-funeral ta' missier il-Kunsillier Lawrence Ciantar u l-ġurnata tal-appell issa hija fid- 9 ta' Marzu 2017 pero dakinhar is-Sindku ser ikun msiefer u ser tkun diffiċli biex nerġgħu nmexxu d-data għal darb'oħra u probabbli xorta waħda ma tittieħidx deċizjoni f'din is-seduta. Kompla jgħid illi jippreferi ma jkunx waħdu għal dan l-appell la darba s-Sindku mhux ser ikun jista jattendi. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ser tkun battalja iebsa għaliex il-Kunsill huwa l-uniku entita li huwa kontra.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa jekk l-appell hux qed isir għaliex il-Kunsill ma jaqbilx ma dawn l-imwejjed u siġġijiet.

Is-Segretarju irrisponda illi l-Kunsill huwa l-uniku objector.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi tajjeb li l-Kunsill ikollu avukat.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rigward il-kaz l-ieħor tal-ħanut Stefanel li għadu fi stadju ta' applikazzjoni diġa` ħarġulu l-approvazzjoni tagħhom l-entitajiet l-oħra.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jattendu għal-appell li ser issir fid-9 ta' Marzu 2017 bil-Perit tal-Kunsill.

**54.2.8** Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa fuq paġna 3 artiklu 53.3.2 rigward ir-roundabout proposta fi Triq il-Qaliet.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fis- 16 ta' Jannar 2017 ser issir laqgħa fejn ser jattendu għaliha hu flimkien mas-Sindku ma rapprezentanti ta' TMalta.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-iskop tagħna huwa li nagħtu aċċess minn Triq tal-Gardiel għal Triq is-Salini.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi biex issir din ir-roundabout ser inkunu qed nieħdu ħafna mill-bankina ta' quddiem Waterline u allura dan ser ikun qed jitlef mil-post għal-imwejjed u siġġijiet fejn jezisti lease agreement mal-GPS. Għaldaqstant, wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni dan il-fattur ukoll.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jerġgħu jiddiskutu dan is-suġġett wara l-laqgħa ta' Nhar it-Tnejn 16 ta' Jannar 2017.

**54.3.1** <u>**Komunikazzjoni mis-Sindku**</u>

**54.3.2** Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi irċivejna kont ta' €40 min naħa tal-assoċċjazzjoni tal-garaxxijiet fejn kellu jsir manutenzjoni fil-komun ta' fejn hemm il-garazz tal-Kunsill.

**54.4** <u>**Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**</u>

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**54.5** <u>**Approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart Settembru-Diċembru 2016:**</u>

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega lill-Kunsill ir-rapport ta' kull kwart. Semma wkoll li fis-seduta li jmiss il-Kunsill se jkun qed japprova l-Financial Statements li se jagħtu stampa aktar dettaljata ta' kif il-Kunsill għalaq is-sena 2016.

*Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard ipproponiet l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart u l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.*

**54.6.1 <u>Kont tad-dawl attwali fi Pjazza Mifsud Bonnici:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rċivejna l-kont attwali tad-dawl ta' Pjazza Mifsud Bonnici li jammonta għal €4098.31 pero irrizulta li l-Kunsill ilu ma jħallas kont attwali ta' Pjazza Mifsud Bonniċi mill-2012 għaliex kien dejjem iħallas kont bla qari tad-dawl. Fit-2012 il-post fejn jinsab il-meter kien miftuħ pero issa jinsab magħluq u jagħmel parti minn ħanut tal-ikel. Kompla jgħid illi meta jiġi biex jinqara l-meter tad-dawl iċ-ċavetta ma tkunx disponibbli u ma jkunx jista jiftaħ lill-metre reader sabiex jieħu l-qari tad-dawl. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu jħoss li ċ-ċavetta tal-meter tad-dawl għandha tkun tal-Kunsill u mhux għand sid dan il-ħanut.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jipproponi li jsir transfer of meter u din l-ispiza għandha titħallas min naħa ta' sid il-ħanut.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet kemm ilu li ġie magħluq dan il-post.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi mill-2012 u biex isir dan it-transfer li waħda mill-problemi hija il hemm ħlas ta €700 għal din l-applikazzjoni.

Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa x'jiġri kemm il-darba sid il-post joġezzjona li jħallas din l-ispiza.

Il-Viċi Sindku Desiree' Attard qalet illi l-Kunsill suppost għandu servitu` fuq il-post u staqsiet jekk dan il-kont huwiex wieħed ġust.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan il-ġnien sar bil-bozoz LED fis-sajf tal-2012. Is-Segretarju Ezekiuttiv pprezenta informazzjoni fejn jirrizulta li mir-reading attwali li konna ħallasna fl-2013 li kien jammonta għal €1242.71 għax-xhur mis-27 ta' Novembru 2012 sal-14 ta' Marzu 2013 jiġġustifika l-ammont attwali li rċivejna issa anke jekk diġa ħallasna kontijiet oħra bħala no reading tul is-snin.

- ***Is-Sindku daħal għal laqgħa fis-19:00***

Is-Sindku qal illi bħala Kunsill għandu jkollna ċavetta tal-post.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din hija propjeta' privata u allura l-Kunsill għandu jkollu iċ-ċavetta tal-meter tad-dawl.

Is-Sindku qal illi tajjeb li l-ewwel nitolbuh iċ-ċavetta la darba hu ma jkunx irid itijilna hemmhekk ngħidulu sabiex iħallas l-ispejjez tat-transfer tal-meter tad-dawl, kompla jgħid illi l-Kunsill irid ċavetta tal-kaxxa tal-metre u mhux tal-kamra fejn hemm il-metre ġo fiha.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nsaqsu għaċ-ċavetta lis-sid u l-Kunsillier is-Sur Camilleri flimkien mas-Sur Joe Borg tan-Nesxos imorru jagħmlu spezzjoni fuq il-metre tad-dawl.

**54.6.2 <u>Proposta ta' karnival f'Marsaskala fl-aħħar ta' Frar 2016 (35/0008/17/I):</u>**

Is-Sindku beda billi qal illi Leon promotions tkellmu miegħu u offrew sabiex isir Karnival fl-aħħar ta' Frar u l-Kunsill joħroġ l-amont ta' €690 inkluz il-VAT. Is-Sindku qal li ser ikun hawn spettaklu ta zfin eċċ, qal ukol illi l-istabbiliment tal-ikel Uncle Matt's ser jisponsorja €400 u allura l-Kunsill ser joħroġ biss €290.

Il-Kunsill qabel unanimament.

54.6.3 **<u>L-applikazzjoni mill-Kunsill Lokali zagħzagħ bl-isem irrid ngħin ġiet aċettata u se jingħataw €1348.40 biex iwettqu dan il-proġett filwaqt li l-Kunsill irid joħroġ 20% tal-proġett (35/0001/17/I):</u>**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill taz-zgħazagħ rebħu l-proġett **'irrid ngħin'**.

54.6.4 **<u>Korrispondenza mingħand is-Sur Mario Farrugia min Ħaz Zabbar li jfaħħar l-indafa tal-latrini pubbliċi (35/4903/16/I):</u>**

Is-Sindku informa l-Kunsill b'korrispondenza li rċieva l-Kunsill fejn ġie mfaħħar is-servizz ta' ndafa li hawn ġewwa l-latrini pubbliċi ta' Marsaskala.

54.6.5 **<u>Seduta tal-appell fir-rigward tal-Country view proposta għad-9 ta' Marzu 2017. Bzonn li terġa tiġi posposta pero' hemm ċans li jipproċedu xorta waħda fin-nuqqas tagħna din id-darba :</u>**

Dan is-suġġett diġa` ġie diskuss.

54.7 **<u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>**

54.7.1 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq il-pagament tal-Boat Dr għaliex fil-laqgħa preċedenti diġa kien hemm xi pagamenti tiegħu.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega illi l-pagamenti tal-Boat Dr kienu maqsumin fejn waħda tkopri t-tiswija kif ukoll ic-charges tal-boat house fejn kienet impoġġija id-dgħajsa u t-transport, filwaqt li l-invoice l-oħra tkoppri it-towing u l-kirja tal-krejn.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

54.8 **<u>Mozzjonijiet:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera illi l-mozzjonijiet għandhom jiġu pprezentati lill-Kunsill sa sitt tijiem qabel il-laqgħa u dan skond il-liġi. Dawn il-mozzjonijiet għandhom ikollhom sekondant kif ukoll il-firem tal-proponent u sekondant.

54.8.1 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- Is-Sur John B Camilleri ( 141-5/1/17):</u>**

"Jipproponi li nitolbu lil Transport Malta jagħmlu bankina ġdida li qatt ma kien hemm fi Triq id-Daħla ta San Tumas. Imqar naħa waħda tat-triq fejn hemm il-Kappella ta' San Gejtanu u it- Torri Mamo."

Il-Kunsill qabel unanimament illi jekk it-Tmalta iddum biex tgħamel din il-bankina il-Kunsill jagħmel 25 pied bankina quddiem Torri Mamo.

54.8.2 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- Is-Sur Charlot Cassar (142-10/1/17):</u>**

"Il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala jinnota l-istat ta' telqa u abbandun li tinsab fih il-binja storika magħrufa bħala l-batterija ta' Riħama. Jinnota wkoll illi l-istat li tinsab fih din il-binja huwa ta' periklu pubbliku u tali stat qiegħed jiddeterjora b'rata mgħaġġla, kemm minħabba l-maltemp kif ukoll minħabba atti vandali. Il-Kunsill jitlob lill-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, lis- Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u lil Heritage Malta sabiex jieħdu l-azzjoni neċessarja b'mod immedjat sabiex dan il-wirt imprezzabbli b'valur storiku importanti jigi salvat milli jintilef għal dejjem.Il-Kunsill jitlob ukoll sabiex isir sforz kollettiv bil-għan li din il-binja mhux biex tiġi restawrata kif jixraq iżda li ssir attrazzjoni li tattira turiżmu sostenibbli lejn il-lokal ta' Marsaskala."

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu ittra fejn nindirizzaw il-periklu li hemm kif ukoll sabiex nirrestawraw u tkun integrata bħala parti sostanzjali fil-kultura tal-Lokal ta' Marsaskala
Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu diġa kien indika dan il-post fil-lista ta' postijiet li jridu jiġu skedati u talab sabiex jintbgħat reminder ta din l-ittra.

Il-Kunsill qabel unanimament.

* Is-Sindku qal illi rigward il-laqgħa tas-sit ta car park fi Ġnien Sant'Anna hu kien attenda diversi laqgħat mal-Projects Malta pero kollu għalxejn. Kompla jgħid li kien hemm ukoll propost sabiex isir parkeġġ taħt l-iskola li ser tinbena fi Triq il-Lampuka u għalkemm il-Kunsill indikat diversi postijiet fejn jista jsir dan il-parkeġġ l-uniku post li sabu li huwa l-idejali huwa fi Ġnien Sant'Anna. Is-Sindku qal illi għalkemm Projects Malta offriet anke li tibni hi l-kunsill ta' Marsaskala jekk dan ser ikun ta' inkonvenjent għar-residenti il-Kunsill għandu dejjem ikun favur ir-residenti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi b'dan il-proġett iħoss li nkunu qed nbiddlu l-village core tal-lokal.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hekk ser izzid aktar il-pollution f'din iz-zona fejn l-unika ħaġa li qed tikkumbatti il-pollution huma is-siġar u issa jridu jneħħuhom.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu diġa qal dan id-diskors lill-Projects Malta u huma qalu illi il-pollution hija għar meta in-nies idumu jfittxu parkeġġ ġewwa l-lokal.

* Is-Segretarju Ezekuttiv tkellem rigward l-open top buses u qal illi sabiex jinbiddel is-software il-Kunsill ser ikollu joħroġ tender.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm tlett kumpaniji li joffru dan is-servizz li huma Hello Malta, Siteseeing Tour visit Malta u Site seeing Malta.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi kieku l-Kunsill jirnexxielu jħaddem din l-inizjattiva jirnexxilna inġibu miljun turist fil-Lokal kull sena.

Kien hemm qbil unanimu sabiex nibgħatu lil dawn it-tlett kumpaniji sabiex naraw min huwa interessat u jekk hemmx lok li jitraħħas il-prezz sabiex isir is-software.

* Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Kunsill għandu jibgħat ittra lid-Dipartiment fejn ninfurmawh illi l-Kunsilliera mhumiex jaqblu ma tibdil fl-Agenda imposta mid-Dipartiment.

* Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi hemm bzonn illi jerġa jibda kors tal-first aid u bħas-soltu l-Kunsill jissusidja l-ammont ta' €10 fuq kull individwu. Dan il-kors jiġi pprovdut mir-Red Cross Malta.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**53.9 <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.</u>**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir Nhar il-Ħamis 16 ta' Frar 2017 fis-6.00

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |